MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Numru. 1305/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandro Zarb)**

**Vs**

**Salvatore Stefano Rizzotto**

Il-Qorti,

Rat l-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug mit-Tribunal ta' Palermo fl-Italja kontra Salvatore Stefano Rizzotto u li fih jinghad illi Salvatore Stefano Rizzotto maghruf minn issa l-quddiem bhala "l-estradant" huwa mfittex mill-Awtoritajiet Taljani, pajjiz skedat skond l-artikolu 5 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 ghar-reat ta' akkwizizzjoni u pussess ta' l-fuq minn 19.3 kilogramma ta' droga marijuana f'Palermo u qed jintalab it-treggija lura tal-istess estradant lejn l-Italja.

Rat ic-certifikat mahrug mill-Avukat Generali skond l-artikoli 6A u 7 tal-istess Avviz Legali (fol 4 tal-atti).

Rat l-atti kollha tal-kaz.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi, kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-19 ta' Dicembru 2010, l-estradant, volontarjament u prezenti l-abili difensuri tieghu, informa lill-Qorti, prezenti wkoll l-interpretu nominat, illi hu jixtieq jissottometti ruhu ghall-Awtorita Gudizzjarja nvoluta u ghalhekk qed jaghti il-kunsens tieghu sabiex jigi estradit u mreggi lura lejn l-Italja. Dwar dan il-kunsens, il-Qorti ser taghmilha cara illi din id-dikjarazzjoni da parti tal-estradant qed issir a bazi tal-artikolu 43(3) tal-istess Avviz Legali fis-sens li din l-ordni qed issir minghajr rinunzja ghar-'rule of speciality'.

Ghaldaqstant u skond l-artikolu 45(3)(a) tal-Avviz Legali 320 tal-2004, il-Qorti tordna li l-estradant, Salvatore Stefano Rizzotto, skond kif deskritt fid-dokumenti annessi a fol 5 sa fol 9 tal-atti, jinzamm taht kustodja sabiex jistenna l-estradizzjoni tieghu lejn l-Italja, liema estradizzjoni ghandha ssehh fi zmien sebat (7) ijiem millum stess.

Din l-Ordni qed issir soggetta ghas-segwenti:-

a) Qed jinghad, espressament, illi l-estradizzjoni in ezami hi soggetta ghar-'rule of speciality' u ghalhekk l-estradant jista' jigi ndagat u processat in rigward id-delitt ta' akkwizizzjoni u pussess ta' l-fuq minn 19.3 kilogramma droga 'Marijuana' f'Palermo kif specifikat u deskritt fid-dokumenti annessi.

b) Inoltre skond l-artikoli 25 u 15(5) tal-istess Avviz Legali abbinat mal-artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjonui (Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta) din il-Qorti qed tinforma lill-estradant li jekk ihoss illi d-drittijiet umani u civili tieghu nkisru, qed jinkisru jew ser jinkisru, hu ghandu id-dritt ta' rimedju skond l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew skond il-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------